MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1108/2003

**Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Express Europe Limited**

**Vs**

**Avukat Dottor Patrick Spiteri**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitta u hamsin elf u erba' mitt dollaru amerikan (US$56,400.00) liema somma tirrappresenta ammont dovut in segwitu tal-uzu li sar mill-konvenut ta' *Credit Card* mahruga lilu mis-socjeta' attrici bin-numru tal-kont 3745-002824-41002;

U premess illi ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi fil-fehma tal-istanti ghalhekk il-pretensjoni taghhom ghall-hlas tas-somma indikata hija certa, likwida u dovuta u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghal dik it-talba tieghu;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma fi flus maltin li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal sitta u hamsin elf u erba' mitt dollaru amerikan (US$56,400.00) ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, bl-imghax legali mit-13 ta' Lulju 2001 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju, 2003 li huwa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammisjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine ghal-ammont ta' sitta u hamsin elf u erba' mitt dollaru amerikan (US$56,400.00) ekwivalenti ghal ghoxrin elf, hames mija u lira Maltin u tlett centezmi (Lm20,521.03) skond ir-rata tal-kambju fid-data li fih giet intavolata c-citazzjoni, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------